MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 8/1994/4

**Fl-atti tac-Cedola ta' depozitu numru 835/1989 fl-ismijiet Lawrence Attard bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' L & D Attard Co.**

**Vs**

**Peter Farrugia, Marion Busuttil, Nanette Grech, Carmelina Busuttil, Josephine Farrugia, Mary Anne Psaila, Joseph, Austin, Alexander, Anthony u Philip ahwa Psaila, Anna Rossi, Alfred Sapiano, Joseph Sapiano, u Benny Grech nomine u b'digriet ta' l-14 ta' Mejju, 1999, Georg Sapiano dahal bhala eredi tal-mejjet Alfred Sapiano**

**Vs**

**Carmelo Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Marion mart Edwin Busuttil, Nanette mart Benny Farrugia, Carmelina sive Lina mart Vincent Busuttil, u Josephine, xebba, ahwa Farrugia, Mary Anne armla ta’ Aristide Psaila, Joseph, Austin, Alexander, Anthony, Philip u Anna mart Stephen Rossi, ahwa Psaila, Alfred Sapiano, Joseph Sapiano, Anne Psaila armla minn John, Anton Psaila, in-nisa kollha assistiti mill-imsemmijin zewghom u cioe’ Edwin Busuttil, Benny Farrugia, Vincent Busuttil u Stephen Rossi, u Alice mart Hamilton Navarro, u l-istess Hamilton Navarro, u Josephine Psaila, xebba;

Jesponu bir-rispett illi:

Permezz ta’ Cedola ta’ depozitu numru 835/89 fl-ismijiet fuq premessi giet iddepozitata s-somma ta’ LM5457.50, li flimkien mas-somma ta’ LM42.50c spejjez jammontaw ghas-somma ta’ LM5500, prezz li bih il-fond minghajr numru imsemmi “*Remig Ranch*”, Buskett Road, Road flimkien mal-beni accessibbili mill-istess fond gew liberati fis-subbasta fil-20 ta’ Gunju, 1989 favur Lawrence Attard bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ L & D Co Ltd, liema bejgh bl-irkant gie awtorizzat fuq talba tar-riokorrenti kredituri tal-fuq imsemmi Carmelo Schembri, liema kreditu jinstab insinwat permezz tan-nota 816/1982 iskritta fir-Registru Pubbliku favur ir-rikorrenti u l-aventi kawza taghhom protett b’Ipoteka Specjali fuq il-beni mibjugha fl-irkant kif fuq imsemmi;

Illi, permezz ta’ rikors prezentat fl-istess atti ta’ din ic-Cedola, u fl-atti tas-subbasta tal-20 ta’ Gunju tal-1989 mill-istess esponenti, intalab illi l-imsemmija somma depozitata tigi zbankata sabiex jithallas parti mill-kreditu taghhom. Izda minhabba illi qeghdin jinkorru ghall-istess somma kredituri ohrajn, u dawn jirregistraw l-oppozizzjoni taghhom ghall-izbank mitlub, it-talba tal-esponenti ma setghetx tigi milqugha u ghalhekk ikollha ssir il-procedura tal-konkors tal-kredituri;

Ghalhekk l-esponenti umilment jitlob lil din il-Qorti joghgobha tordna l-ftuh tal-konkors ta’ kredituri fuq l-imsemmi depozitu u l-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-artiklu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors ulterjuri ta' Marion mart Edwin Busuttil, Nanette mart Benny Farrugia, Carmelina sive Lina mart Vincent Busuttil, u Josephine, xebba, ahwa Farrugia, Mary Anne armla ta' Aristide Psaila, Joseph, Austin, Alexander, Anthony, Philip u Anna mart Stephen Rossi, ahwa Psaila, Alfred Sapiano, Joseph Sapiano, Anne Psaila armla minn John, Anton Psaila, in-nisa kollha assistiti mill-imsemmijin zwieghom u cioe' Edwin Busuttil, Benny Farrugia, Vincent Busuttil u Stephen Rossi, u Alice mart Hamilton Navarro, u Josephine Psaila, xebba;

Jesponu bir-rispett;

Illi r-rikorrenti huma kredituri ta' Carmelo Schembri fis-somma superjuri ghal LM5500 liema somma giet depozitata permezz ta' Cedola ta' depozitu numru 835/89 fl-ismijiet Lawrence Attard bhala Direttur ghan-nom u in raprezentanza ta' L & D Attard Co. vs Peter Farrugia, Marion Busuttil, Nanette Grech, Carmelina Busuttil, Josephine Farrugia, Mary Anne Psaila, Joseph, Austin, Alex, Anthony u Philip kollha ahwa Psaila, u ohtom Anna Rossi, Alfred u Joseph ahwa Sapiano u Benny Grech nomine vs Carmelo Schembri.

Illi minn dan id-dejn ma thallasx xejn.

Illi r-rikorrenti naqqsu milli jgibu l-interess taghhom quddeim din l-Onorabbli Qorti, u jfissru l-pretensjonijiet taghhom, fuq is-su imsemmi depozitu, fi zmien stabbilit mill-Artikolu 416 tal-Kap 12.

Illi skond l-Artikolu 417, ta' l-istess Kap. 12, il-kredituri li ma jkunux dehru fi zmien stabbilit ma jitilfux b'daqsekk, il-jeddijiet taghhom kontra d-debitur.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti umilment jissottomettu li l-interess taghhom ghad jista' jigi gradwat skond il-ligi minkejja li ghalaq iz-zmien.

Illi, *inoltre*, huwa rilevanti li f'din il-kawza m'hu qed jinkorri ebda kreditur iehor ghax hadd ma esprima interess.

Illi, konsegwentement, ir-rikorrenti jissottomettu li l-interess taghhom jista' jigi ammess ghal-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti anke f'din il-kawza stess, ghaliex *ai termini* ta' l-istess Artikolu 416 *su* citat, ma jkunux b'hekk qeghda jwaqqfu jew xort'ohra jzommu "*milli tigi deciza l-kawza bejn dawk li jkunu dehru*".

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu illi din il-Qorti joghgobha tammettihom fil-lista tal-kredituri skond il-Kodici tal-Organizzazzjoni tal-Procedura Civili, sabiex id-dejn taghhom jigi gradwat skont il-Ligi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju, 1999, li in forza tieghu gie mahtur bhala Perit Legali l-Avukat  Dottor Louis Cassar Pullicino biex ifittex u jirelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet (sic) u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju, 2002, li bih giet revokata "*contrario imperio*" il-hatra tal-Perit Legali u l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija rizultat ta' bejgh bis-Subbasta tal-fond "*Remig Ranch*", Buskett Road, Rabat, li sehhet fuq istanza tar-rikorrenti li kellhom jiehdu somma konsiderevoli minghand id-debitur taghhom, certu Carmelo Schembri, li kien il-proprjetarju ta' dan il-fond. Fis-subbasta, dan il-fond inxtara mid-ditta L & D Attard Co. Ltd. bil-prezz ta' LM5500, li b'Cedola numru 835/89 iddepozita s-somma ta' Lm5457.50 l-Qorti.  Meta r-rikorrenti talbu li jizbankaw din is-somma, akkont tal-kreditu taghhom, allegaw li kkonkorrew kredituri ohra, u ghalhekk kellu jinfetah dan il-konkors.

Illi, fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuq il-mod legger u xejn professjonali li r-rikorrenti u l-Avukat taghhom ittrattaw din il-kawza. Ir-rikors infetah fl-1994, izda ghall-diversi snin ma setgha jsir xejn minhabba nuqqas tan-notifiki u tar-rikorrenti li jiehdu hsieb li dan isir tempestivament. Kien hemm ukoll nuqqas *da parti* tar-rikorrenti li jissottomettu l-pretensjoni taghhom fi zmien indikat, li jressqu d-dokumenti mehtiega ghall-procedura tal-konkors u, izjed, biex isostnu l-pretensjoni taghhom; kien biss recentament, wara 8 snin mil-ftuh tal-konkors, li r-rikorrenti resqu prova tal-kreditu taghhom, Inhela hafna zmien ukoll meta din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet hatret Perit Legali biex jirrelata fuq il-konkors u dan meta kien jidher li, fil-fatt, hadd ma kien ikkonkorra! Ir-rikorrenti komplew juru nuqqas ta' interess meta mhux biss ma kien jidher hadd minnhom quddiem il-Qorti, izda hadd minnhom ma avvicina lill-Perit Legali nominat biex jara li jsir progress f'din il-kawza. Kawza li zgur ma kellhiex iddum aktar minn, forsi, sentejn jew tlieta (u dan minhabba problemi ta' notifika) tkaxkret ghall-aktar minn 8 snin minhabba nuqqas ta' interess *da parti* tar-rikorrenti.

Illi, fil-fatt, fuq dan id-dan id-depositu "kkonkorrew" biss l-istess rikorrenti li talbu l-ftuh tal-konkors u dan fejn talbu jizbankaw is-somma deposita akkont tal-kreditu taghhom ta' LM17,000, *piu'* l-imghaxijiet liema kreditu jinsab riservat fir-Registru Pubbliku permezz ta' Nota numru 816/1982. Dan il-kreditu jidher li baqa' veljanti fil-*gran parti* tieghu, u dan mehud kont tal-pagamenti li saru akkont u r-riduzzjonijiet li johorgu minn Noti tal-Insinwa numru 1929/83, wara pagament ta' LM2000 akkont, u 639/88, wara pagament ta' LM800 akkont. Is-somma depositata zgur li ma tkoprix il-bilanc li talvolta ghadu dovut lir-rikorrenti.

Illi fid-dawl tal-premess, u fin-nuqqas ta' konkorenza *da parti* ta' kredituri ohra, jidher li r-rikorrenti ghandhom dritt jigu awtorizzati jizbankaw is-somma depositata permezz ta' Cedola numru 835/89. Propriament, lanqas gie muri li din il-procedura tal-konkors kellha, fil-fatt, isir ghax ghalkemm ir-rikorrenti stqarru li, meta talbu l-izbank kien

hemm kredituri ohra li "qeghdin jinkorru ghall-istess somma", ma saret ebda prova ta' dan.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi l-kawza billi tawtorizza lir-rikorrenti jisbankaw s-somma depositata bic-Cedola numru 835/89, akkont tal-kreditu taghhom, u dana wara li joffru in solidum garanzija ipotekarja ta' hwejjighom kollha prezenti u futuri sabiex taghmel tajjeb ghall-eventwali re-depositu f'kaz ta' evazjoni jew molestja rigward il-pacifiku pussess tal-fond mibjugh, u dan skond kif indikat fic-Cedola ta' depositu u a tenur ta' l-artikolu 423 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

D\REG